Il-Kummissjoni Ewropea



© Unjoni Ewropea 2024

# Sett ta’ għodda ta’ komunikazzjoni

KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ

B’SAĦĦITNA FL-GĦAQDA.

Erasmus+

Ħajja iżjed rikka, il-moħħ jinfetaħ aktar.

Żgħażagħ

## L-għan tas-sett ta’ għodda ta’ komunikazzjoni u għal min hu magħmul

Dan is-sett ta’ għodda ta’ komunikazzjoni ġie żviluppat biex isaħħaħ partijiet ikkonċernati u multiplikaturi biex jinformaw liż-żgħażagħ dwar l-attivitajiet li jippermettulhom jikkontribwixxu għas-soċjetà waqt li jippromwovu l-Erasmus+ Żgħażagħ u l-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà.

L-għan ta’ dan is-sett ta’ għodda hu li:

- jiżgura konsistenza fil-komunikazzjoni billi jipprovdi lil pajjiżi parteċipanti b’materjal lest biex jintuża; dan ser jippermetti stil u ton aktar effettiv, konsistenti u unifikat; u barra minn dan, jinforma dwar programmi taż-żgħażagħ u opportunitajiet tal-UE għall-impenn taż-żgħażagħ.
- jiġbed l-attenzjoni fuq l-oqsma ta’ fokus, jenfasizza l-prijoritajiet ewlenin tal-programmi tal-**promozzjoni tal-inklużjoni u d-diversità, jindirizza t-tħassib ambjentali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali, u jħeġġeġ parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, il-valuri komuni u l-impenn ċiviku.**

Is-sett ta’għodda hu tradott fil-lingwi kollha tal-UE u l-lingwi tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-programm.

Dan is-sett ta’ għodda ta’ komunikazzjoni hu mfassal biex iservi bħala riżorsa ta’ informazzjoni u gwida biex jappoġġja b’mod effettiv u jippromwovi l-attivitajiet ta’ komunikazzjoni tal-Erasmus+ Żagħżagħ u l-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà.

---

## Il-kontenut tas-sett ta’ għodda

Dan għandu sett komprensiv ta’ materjal adattabbli li jista’ jkun imfassal b’mod liberu biex ikun alinjat mal-objettivi tal-programmi u jqarribhom lejn il-parteċipanti bħal pereżempju:

- Messaġġi ewlenin
- Kalendarju ta’ stadji importanti ewlenin tal-media soċjali
- Viżwali li jistgħu jinbidlu
- Kopja abbozzata tal-media soċjali għal Facebook Twitter/X, Instagram
- Gwida fuq kif tilħaq l-udjenza fil-mirace

# Messaġġi ewlenin

L-attivitajiet kollha tal-media soċjali għandhom ikunu ppreparati u implimentati f'konformità mal-messaġġi ta' komunikazzjoni tal-Erasmus+ Żgħażagħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ta' hawn taħt, waqt li żżom f'moħħok l-udjenzi fil-mira. Il-messaġġi huma marbuta ma':

- Erasmus+ Żgħażagħ, l-identità kurrenti viżwali u t-tag line tal-promozzjoni "Jistgħanew il-ħajjiet, jinfetħu l-imħuħ";
- Il-Korp Ewropew tas-Solidarjetà, il-kunċett ta' "Sentiment ta' Għaqda ma' Xulxin" inkorporat mal-identità kurrenti viżwali u t-tag line tal-promozzjoni "B'Saħħitna fl-Għaqda".

Il-messaġġi kollha jistgħu jkunu marbuta mal-prijoritajiet ewlenin tal-programmi tal-inklużjoni, l-ambjent, it-trasformazzjoni diġitali u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. Meta tuża l-messaġġi b'mod dinamiku tkun qed iżżomm esponiment billanċjat u indaqs f'kull qasam. Meta tagħżel kontenut ibbażat fuq opportunitajiet rilevanti kurrenti u emerġenti bħal jiem internazzjonali ta' sensibilizzazzjoni (ara isfel), tkun tista' ssaħħaħ il-viżibbiltà tal-messaġġi ewlenin.

| Messaġġi ewlenin għall-individwi (żgħażagħ /applikanti potenzjali) | |
|---|---|
| • Intensifika l-ħiliet u l-esperjenzi tiegħek<br>• Agħti xi ħaġa lura<br>• Preparazzjoni għas-suq tax-xogħol<br>• Biex issib triqtek<br>• Tgħallem dwar kulturi differenti<br>• Miftuħ għaż-żgħażagħ kollha<br>• Espandi n-network soċjali tiegħek | • Ikkonettja ma' individwi li jaħsbuha bħalek<br>• Kun parti mill-mewġa ekoloġika<br>• Ikkontribwixxi lil komunitajiet lokali<br>• Appoġġja n-nies vulnerabbli<br>• Ibni soċjetà maqgħuda u iktar inklużiva<br>• Intensifika l-involviment taż-żgħażagħ fis-soċjetà<br>• Esperjenzi tal-mobbiltà tat-tagħlim estiżi, informali, interkulturali permezz tal-Iskambji taż-Żgħażagħ |


© Unjoni Ewropea 2024

# Kalendarju bi stadji importanti ewlenin tal-media soċjali

Hawn taħt ser issib jiem internazzjonali ta' sensibilizzazzjoni li jistgħu jintużaw bħala stadji importanti ewlenin għal promozzjoni. Il-jiem ser jindirizzaw l-erba' prijoritajiet komuni kollha tal-programmi tal-Erasmus+ Żgħażagħ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'mod bilanċjat. Eżempji addizjonali ta' stadji importanti ewlenin jinkludu t-tħabbir tal-Attivitajiet taż-Żgħażagħ u t-tnedija tal-Fili u Avvenimenti Umanitarji ta' Għajnuna.

Dan hu eżempju ta' kif il-jiem internazzjonali jistgħu jintużaw biex jippromwovu proġetti speċifiċi reġistrati taħt l-Erasmus+ Żgħażagħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-parentesi jistgħu jimtlew bl-isem tal-proġett. Kull proġett reġistrat hu uniku b'xi mod, allura żammejna l-kopji ta' hawn ġeneriċi biex l-utent tas-sett ta' għodda jkun jista' jippersonalizzah u jfasslu skont il-bżonnijiet tagħhom.

| | |
|---|---|
| **Facebook** | Illum Jum l-Ambjent!<br><br>Ma hemm ebda ħin aħjar biex taħseb dwar ir-rwol tagħna fil-protezzjoni tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Ejja nagħmlu xi ħaġa flimkien għall-pjaneta 🌍 ♻️<br><br>➡️ Issieħeb mal- ___________________________ [ISEM IL-PROĠETT] biex issir eroj ekoloġiku u ħu sehem f'azzjonijiet ta' sostenibbiltà magħna! ⬇️<br><br>[ĦOLQA]<br><br>#WorldEnvironmentDay [NIŻŻEL IL-HASHTAG LI TAPPLIKA]: #EUSolidarityCorps jew #ErasmusPlus |
| **Instagram** | 📅 Iċċekkjajt il-kalendarju? Illum Il-Jum Dinji tal-Ambjent!<br><br>Ħu dan iċ-ċans biex tikkunsidra kif tista' tgħin biex il-pjaneta tkun post aktar ekoloġika! 🌍 ♻️<br><br>Agħżel ilma tal-vit u mhux ilma tal-flixkun, irkeb rota jew uża t-trasport pubbliku minflok issuq u agħżel basktijiet tad-drapp minflok tal-plastik.<br><br>👉 Issieħeb mal- ___________________________ [ISEM IL-PROĠETT] biex issir eroj ekoloġiku u kun parti minn bidla kbira! ⬇️<br><br>🔗 Żur il-ħolqa fil-bijo tagħna!<br><br>#WorldEnvironmentDay [NIŻŻEL IL-HASHTAG LI TAPPLIKA]: #EUSolidarityCorps jew #ErasmusPlus |
| **X/Twitter** | Jekk għadek ma bdejtx, #WorldEnvironmentDay hu l-ħin perfett biex tibda l-azzjoni għal pjaneta aktar ekoloġika! 🌍<br><br>👉 Issieħeb mal- ___________________________ [ISEM IL-PROĠETT] biex issir eroj ekoloġiku u ħu sehem f'azzjonijiet ta' sostennibbiltà magħna! 🔄 [ĦOLQA]<br><br>[NIŻŻEL il-HASHTAG LI TAPPLIKA]: #EUSolidarityCorps jew #ErasmusPlus |

## Jiem Internazzjonali

### Edukazzjoni u ħiliet

- Il-Jum Internazzjonali tal-Edukazzjoni - 24 ta' Jannar
- Il-Jum Internazzjonali tan-Nisa u Bniet fix-Xjenza - 11 ta' Frar
- Tmiem is-sena akkademika - Ġunju
- Il-Jum Dinji tal-Ħiliet taż-Żgħażagħ - 15 ta' Lulju
- Il-Jum Internazzjonali tal-Litteriżmu - 8 ta' Settembru
- Il-Jum Internazzjonali tal-Istudenti - 17 ta' Novembru

### Solidarjetà u Inklużjoni

- Il-Jum Dinji tal-Ġustizzja Soċjali - 20 ta' Frar
- Il-Jum Internazzjonali tan-Nisa - 8 ta' Marzu
- Il-Jum Dinji tar-Refuġjati - 20 ta' Ġunju
- Il-Jum Dinji Umanitarju - 19 ta' Awwissu
- Il-Jum Internazzjonali tal-Karità - 5 ta' Settembru
- Il-Jum Internazzjonali tal-Paga Indaqs - 18 ta' Settembru
- Il-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità - 3 ta' Diċembru
- Il-Jum Internazzjonali tal-Migranti - 18 ta' Diċembru
- Il-Jum Internazzjonali tas-Solidarjetà Umana - 20 ta' Diċembru

### Ambjent

- Il-Jum Dinji tal-Ilma - 22 ta' Marzu
- Jum id-Dinja - 22 ta' April
- Il-Jum Dinji tal-Ambjent - 5 ta' Ġunju

### Żgħażagħ

- Il-Jum Internazzjonali tal-Ħbiberija - 30 ta' Lulju
- Il-Jum Internazzjonali taż-Żgħażagħ - 12 ta' Awwissu
- Il-Jum Internazzjonali tat-Tfal - 20 ta' Novembru

### Parteċipazzjoni fil-Ħajja Domestika

- Jum l-Ewropa - 9 ta' Mejju
- Il-jum Internazzjonali tad-Demokrazija - 15 ta' Settembru
- Il-Jum Internazzjonali tal-Paċi - 21 ta' Settembru
- Il-Jum Internazzjonali ta' Bla Vjolenza - 2 ta' Ottubru
- Il-Jum Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem - 10 ta' Diċembru

### Diġitali

- Il-Jum Dinji tal-Web - 1 ta' Awwissu

# Viżwali li jistgħu jinbidlu

Hawn tista' ssib żewġ mudelli mfassla u li huma disponibbli għal użu minn Aġenziji Nazzjonali u organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-UE kollha.

## Mudelli ta' photoshop

Mudelli ta' Photoshop jistgħu jintużaw għal kampanji diġitali, materjal stampat jew promozzjoni online għal immaġni tal-marka unifikata. Eżempji ta' użi huma t-tfassil ta' paġni tal-qoxra u mudelli tat-tqassim, infografiċi, materjali promozzjonali (eż. powsters, strixxuni u fuljetti) grafiċi għal media soċjali u l-web (eż. posts, strixxuni u grafiċi għal siti web jew pjattaformi online) u materjal ta' avvenimenti (eż. strixxuni).

| Erasmus+ Żgħażagħ | Korp Ewropew tas-Solidarjetà |
|---|---|
| • Fajl ta' Photoshop b'Livell Wieħed 1080 x 1080px x 24 lingwa tal-UE + sitt pajjiżi assoċjati<br>• Logo<br>• Spazju Riżervat għal Immaġni tal-Isfond li Jisgħu Jinbidlu (x2) | • Fajl ta' Photoshop b'Livell Wieħed 1080 x 1080px x 24 lingwa tal-UE + erba' pajjiżi assoċjati<br>• Logo<br>• Spazju Riżervat għal Immaġni tal-Isfond li Jisgħu Jinbidlu |

## Mudelli ta' PowerPoint

Mudelli ta' PowerPoint huma ideali biex noħolqu kontenut li jattira viżwalment, inkluż għal pjattaformi tal-media soċjali, li jiżguraw li anki dawk li ma' jafux jużaw Photoshop, ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-programmi. Mudelli ta' PowerPoint jistgħu jkunu wkoll mezz ta' simplifikazzjoni ta' komunikazzjoni inklużiva u faċli għall-utent f'kuntesti varji bħal preżentazzjonijiet, rapporti, materjal għal taħriġ, sessjonijiet ta' informazzjoni u konfigurazzjonijiet edukattivi. Dan jista' jiffaċilita t-twassil effettiv tal-progress, l-impatt u l-eżiti tal-proġett.

| Erasmus+ Żgħażagħ | Korpi Ewropej tas-Solidarjetà |
|---|---|
| • Fajl wieħed ta' PowerPoint 1080 x 1080px x 24 lingwa tal-UE + sitt pajjiżi assoċjati<br>• Logo<br>• Spazju Riżervat għal Immaġni tal-Isfond li Jisgħu Jinbidlu | • Erba' Fajls PowerPoint 1080 x 1080px fl-24 lingwa tal-UE + erba' pajjiżi assoċjati<br>• Logo<br>• Spazju Riżervat tal-Immaġni tal-isfond li Tista' Tinbidel |

Barra minn dawn, is-sett tal-għodda jipprovdi komponenti ta' mudell awtonomu, li jservi bħala elementi lesti biex jintużaw u li jistgħu faċilment ikunu mfassla u kkumbinati ma' komponenti oħra biex joħolqu materjal ta' komunikazzjoni viżwalment koeżiv. F'dan il-każ, il-mudelli ser jippermettu lill-utenti jintegraw il-logos u overlays fi ħdan il-proġetti Canva tagħhom stess, kif muri hawn taħt:

1. 1. Agħżel il-logo minn pajjiżek jew mil-lingwa tiegħek li tixtieq tinkorpora fl-immaġni.
2. 2. Ħu l-viżwal li hu disponibbli minn DĠ EAC li tiegħu int għandek il-ħsieb li tbiddel il-logo
3. 3. Neħħi l-logo eżistenti mill-immaġni magħżula.
4. 4. Żid il-logo magħżul fl-immaġni li tixtieq tbiddel.
5. 5. Ikkonkludi l-proċess bl-aħħar pass - l-immaġni magħżula tiegħek issa lesta.




Jekk jogħġbok innota li l-mudell ta' Erasmus+ Żgħażagħ ser isegwi l-istess proċess bħall-mudelli tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà murija hawn fuq.

# Riżorsi tal-media soċjali

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' posts iffukati fuq l-attivitajiet ta' Erasmus+ Żgħażagħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-varjazzjonijiet joffru informazzjoni intuwittiva usa' fil-programmi, kif ukoll fuq prijoritajiet u attivitajiet speċifiċi. Il-hashtags uffiċjali li tuża f'posts huma #EUSolidarityCorps u #ErasmusPlus.

## Il-programm Erasmus+ Żgħażagħ

It-tabella ppreżentata hawn taħt tipprovdi eżempji ġeneriċi li jintroduċu l-aspetti ta' inklużjoni u parteċipazzjoni tal-programm. HiJA turi wkoll kif tikkomunika b'mod effettiv esperjenzi multikulturali, tqajjem kuxjenza u tenfasizza opportunitajiet ta' mobbiltà transkonfinali lill-udjenza iżgħar.

| Kanal | Eżempju |
| --- | --- |
| **Facebook** | 👋 Jekk tieħu pjaċir tiltaqa' ma' nies ġodda, titgħallem dwar il-kulturi u l-komunitajiet lokali ta' Appoġġ, lesti ruħek! 🌍<br><br>Proġetti ta' mobbiltà ta' #ErasmusPlus Żgħażagħ jipprovdu opportunitajiet perfetti għal:<br><br>🔷 tkabbir interpersonali;<br><br>🔷 kif tagħmel kuntatt ma' individwi li jaħsbuha l-istess;<br><br>🔷 kif ittejjeb il-ħiliet personali.<br><br>____________ (Inkludi l-isem tal-organizzazzjoni) qed tospita _________________ (Inkludi l-isem/tip ta' proġett/attività) li tista' tgħinek tilħaq il-miri tiegħek! 🧭 Ibda l-avventura tiegħek illum: [ĦOLQA] |
| **Instagram** | Trid:<br><br>🚀 issaħħaħ il-kunfidenza tiegħek u ssir aktar indipendenti;<br><br>💡 tikseb ħiliet ġodda biex tkun lest għas-suq tax-xogħol;<br><br>🌼 tisfida lilek innifsek u toħroġ miż-żona ta' kumdità tiegħek?<br><br>Għid "Iva!" għal esperjenza li tbiddillek ħajtek<br><br>Ipprepara biex tagħmel impatt bi proġett #ErasmusPlus Żagħżagħ. 🔗 Żur il-ħolqa fil-bijo tagħna! |
| **X/Twitter** | Temmen li għandek:<br><br>💬 taqsam l-opinjoni tiegħek;<br><br>🎭 tiċċelebra l-multikulturaliżmu;<br><br>⚧️ tkisser l-isterjotipi tal-ġeneru;<br><br>🚯 ♻️ tħaddan drawwiet ekoloġiċi?<br><br>Mela #ErasmusPlus Żgħażagħ hu l-konkordanza perfetta tiegħek! Issieħeb mal-programm illum: [ĦOLQA] |

## Il-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

It-tabella ta' hawn taħt tiddeskrivi l-oqsma tal-attività tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u tenfasizza l-vantaġġi tagħhom. Barra minn dan, turi l-valuri akkwistati permezz tal-programm u l-proġetti tiegħu, li b'mod partikolari jiffukaw fuq opportuniatjiet ta' żvilupp personali u tkabbir personali.

| Kanal | Eżempju |
|---|---|
| **Facebook** | Xi jfisser li tkun qalbek tajba? 🌍 🚀<br><br>Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jiftaħ il-bibien tiegħu għal proġetti f'oqsma varji, li kull wieħed joffri opportunitajiet uniċi biex tagħti lura lill-komunità. Dawn jinkludu:<br><br>🎨 li nikbru flimkien permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma kreattivi;<br><br>📚 li nġibu l-edukazzjoni disponibbli għal kulħadd, inklużi l-minoranzi;<br><br>🌿 li nieħdu ħsieb l-ambjent tagħna;<br><br>💪 li nsaħħu lill-oħrajn u niżguraw li jħossuhom apprezzati billi norganizzaw attivitajiet aċċessibbli għal kulħadd.<br><br>Skopri kif tista' tagħmel impatt pożittiv waqt li ssaħħaħ il-ħiliet tiegħek. Il-vjaġġ tiegħek jibda hawn: [ĦOLQA] #EUSolidarityCorps |
| **Instagram** | L-#EUSolidarityCorps hu aktar minn programm tal-volontarjat – hu ċans biex:<br><br>👴 tappoġġja nies fil-bżonn;<br><br>🌍 tespandi l-orizzonti tiegħek;<br><br>🏘️ tiltaqa' ma' nies ġodda f'komunità lokali;<br><br>👐 tagħmel bidla pożittiva fid-dinja bil-mod żgħir tiegħek!<br><br>Lesti biex toħloq konnessjonijiet dejjiema u soċjetà iktar inklużiva. Tgħallem aktar billi tikklikkja fuq il-ħolqa fil-bijo tagħna. 👆 |
| **X/Twitter** | 🌱 Lest biex toħloq futur sostenibbli?<br><br>L-#EUSolidarityCorps joffri proġetti ambjentali fejn tista' tkun aktar sostenibbli u taqsam ma' oħrajn kif jistgħu jgħinu! Biex nieħdu ħsieb il-pjaneta hemm bżonn ta' kulħadd.<br><br>🌳 Sib il-proġett ekoloġiku li jmiss tiegħekt: [ĦOLQA] |

**Nota għal Instagram:** Hu importanti li tinnota li Instagram ma tappoġġjax ħoloq li tista' tikklikkja fuqhom f'sottotitoli ta' post. Biex taħdem madwar din il-limitazzjoni, tista' tiggwida s-segwaċi tiegħek billi tikklikkja l-ħolqa ġol-bijo, minn fejn tista' tinkludi URL fid-deskrizzjoni tal-profil. Dan l-approċċ hu mod prattiku biex tagħmel l-aħjar użu mill-karatteristiċi ta' Instagram waqt li tiżgura li l-udjenza tiegħek tkun tista' taċċessa faċilment l-informazzjoni li tkun qed taqsam. Inkella, Instagram toffri karatteristika addizzjonali li tħallik taqsam ħoloq direttament fl-istejjer ta' Instagram. Tista' tagħmel dan billi żżid sticker b'ħolqa. Dan jipprovdi mod pjaċevoli ieħor li bih l-udjenza tiegħek tkun tista' taċċessa kontenut estern direttament mill-istejjer ta' Instagram.

# Gwida fuq kif tilħaq l-udjenza fil-mira

Biex tikkomunika b'mod effettiv ma' udjenza żgħażugħa ta' bejn is-16 u l-35 sena, hu kruċjali li tifhem il-preferenzi u interessi tagħhom. Dawn huma xi strateġiji ewlenin:

- **Kun awtentiku:** enfasizza l-valuri tal-voluntiera biex jingħaqdu ma' nies u jikkontribwixxi għal komunitajiet għal konnessjonijiet ġenwini.
- **Ibqa' mal-aħħar xejriet:** uri l-kapaċità li tuża l-lingwaġġ żgħażugħ b'xejriet kurrenti biex isaħħaħ ir-relatabbiltà.
- **Irrakkonta stejjer li jqanqlu:** aqsam stejjer ta' veru li jirrelataw (bħal testimonjali minn parteċipanti ta' qabel) għal konnessjoni emozzjonali biex trawwem rabtiet aktar b'saħħithom ma' segwaċi.
- **Djalogu li jispira:** inkoraġġixxi l-input tal-udjenza għal ispirazzjoni ta' kontenut biex trawwem interazzjoni online.
- **Uża kontenut li hu ġġenerat mill-utenti:** uri awtentiċità b'kontenut iġġenerat mill-utenti, miksub bil-permess, konformi ma' politiki tal-GDPR.
- **Editja b'għodod viżivi:** saħħaħ il-kontentu b'mod kreattiv billi tuża għodda online biex teditja viżwali (eż. anima stampi fissi).
- **Interaġixxi b'mod attiv:** irrispondi fil-pront għal kummenti, messaġġi u mistoqsijiet biex tibni komunità risponsiva u interattiva online.
- **Kwistjonijiet ta' konsistenza:** tella' regolarment kontenut rilevanti u informattiv biex iżżomm l-impenn tal-udjenza u tinforza mill-ġdid il-preżenza tiegħek online.
- **Ottimizza kwalità tajba li tiftiehem:** żgura kwalità tajba li tiftiehem b'paragrafi qosra, punti bullets u emojis għal komunikazzjoni effettiva.
- **L-appell viżwali hu kruċjali:** saħħaħ l-impenn b'viżwali u vidjows ta' kwalità għolja għal preżenza ġenwina u li tappella online.
- **Użu effettiv ta' hashtags:** żid il-viżibbiltà tal-kontenut b'hashtags rilevanti biex tespandi l-firxa u tibni komunità (pereżempju, tista' tirreferi għal xi siti web b'xejn bħala punt tat-tluq għax dawn perjodikament jintraċċaw u jaġġornaw hashtags li jkunu kurrenti: jiġifieri. *Influencer Marketing Hub*, *Best-Hashtags.com*, *For Display Purposes Only*, *Hootsuite*, *Hubspot*
- **Sejħa għal azzjonijiet:** iddefinixxi objettivi speċifiċi għal kull post biex tħeġġeġ lill-udjenza jkollhom aktar impenn.



© Unjoni Ewropea 2024